MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 82/2024 LM

**Peter Seychell (K.I. Nru. 271967(M))**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** [hawnhekk 'is-soċjetà

appellanta *pro et nomine'*] minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'iċ-Ċentru'] tas-16 ta' Settembru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], li permezz tiegħu l-Arbitru ddeċieda dwar it-talbiet tar-rikorrent **Peter Seychell (K.I. Nru. 271967(M))**, kif ġej:

*"1. Fir-rigward tat-talba tal-attur din qed tintlaqa' fis-sens illi qed jiġi dikjarat illi l-attur ma għandux jitqies debitur tal-kumpanniji ntimati jew minn minnhom għall-kontijiet kif reġgħu inħarġu minnhom (dawk indikati fil-*footnote *numru 2 u dak bin-numru 27362900 referibbli għal bejn April 2017 u Jannar 2019 jew l-ammont ta' €7,686.99 kif kien* revised *mill-intimati skont il-kont bin-numru 28519096 datat 17 ta' Settembru 2019 u li b'hekk dan ma għandux jitqies li għandu jħallas xejn minn tali kontijiet (kif anki mbagħad riflessi f'kontijiet sussegwenti) oltre l-kontijiet oriġinali li kienu nħarġu għall-istess perijodu kif indikati fil-*footnote *numru 1 u kwalsiasi bilanċ li seta kien baqa' dovut a bażi ta' tali kontijiet, jekk dan kien il-każ. Kwalsiasi eċċezzjoni li tressqet mill-intimati fir-rigward ta' tali talba qed tiġi għaldaqstant miċħuda.*

*2. Fir-rigward tal-kontro-talba tal-istess intimati, din qed tintlaqa' però limitatament għal dak il-bilanċ ta' €1,879.75, rapprezentanti d-differenza bejn l-ammont ta' €9,566.74 ndikat fil-kontro-talba rappreżentanti l-bilanċ li jidher li kien dovut skont il-kont 34586077 datat 2 ta' Settembru 2022, kif imnaqqas bl-ammont ta' €7,686.99 li qed jiġi dikjarat li mhux dovut in vista ta' dak deċiż favur it-talba tal-attur kif hawn fuq milqugħha;*

*B'hekk qed jiġi wkoll deċiż u ordnat li l-attur rikonvenzjonat għandu jħallas limitatament lill-intimati rikonvenzjonanti jew min minnhom, is-somma ta' elf, tmien mija u disa' u sebgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€1,879.75) rappreżentanti dik il-parti tal-kontijiet li nħarġu wara l-kontijiet kontestati mill-attur fit-talba prinċipali tiegħu sal-preżentata tal-kontro-talba, kif hawn fuq indikat, salv kwalsiasi ħlas jekk qatt sar mill-attur, fir-rigward ta' dan il-bilanċ jekk kien il-każ li f'tali każ ikun irid jitnaqqas' minn tali somma.*

*3. Bl-imgħaxijiet dovuti mill-attur fuq is-somma hawn fuq indikata mid-data ta' din id-deċiżjoni.*

*4. Dwar l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri qed jiġi ndikat illi l-ispejjeż riferibbli għat-talba prinċipali tal-attur għandhom ikunu a karigu tal-intimati filwaqt li tenut*

*kont taċ-ċirkostanzi, fir-rigward tal-kontro-talba qed jiġi deċiż li kull parti għandha tkopri l-ispejjeż tagħha konnessi mal-istess kontro-talba."*

**Fatti**

2. L-appellat huwa l-utenti reġistrat fuq il-kont tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma numru 101000053512 tal-fond bin-numru 16, St. Luke Hse, Alley 1, Trejqet il-Qolla, Mellieħa, Manikata, fejn huwa jgħix flimkien mal-familja tiegħu. Jirriżulta li f'Jannar 2019, huwa kien irċieva mingħand is-soċjetà appellanta, numru ta' kontijiet riveduti għall-ħlas tas-servizzi msemmija, u li kienu jkopru l-perijodu bejn April 2017 u Jannar 2019.

**Mertu**

3. Permezz tal-Avviż tal-Arbitraġġ u tad-Dikjarazzjoni tat-Talba tiegħu ppreżentati fiċ-Ċentru, l-appellant iddikjara li huwa dejjem ħallas il-kontijiet li kien irċieva relattivi għall-perijodu msemmi, u għalhekk talab sabiex jiġi ddikjarat li huwa m'għandu jagħti xejn, u l-ħlas li huwa kien għamel kien wieħed finali.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fis-16 ta' Settembru, 2022, fejn eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi, r-rikorrent huwa utent reġistrat bħala sid il-kont bin-numru 101000053512, relatat ma' servizzi mogħtija fil-fond 16, St Luke Hse Alley 1, Trejqet il-Qolla, Mellieħa, Manikata.*

*2. Illi, r-rikorrent kien rċieva kont datat 20 ta' Awwissu 2019 permezz ta' liema huwa ġie mitlub iħallas is-somma ta' Euro 10,329.02.*

*3. Illi, dan l-imsemmi kont ġie rrangat fis-sens li ġie maqsum fuq medda itwal ta' żmien sabiex ir-rikorrent bbenefika minn rati orħos u fil-fatt, il-kont roħos b'2,642.10 Euro, u li għalhekk l-ammont dovut naqas għal Euro 7,686.99.*

> 4. *Illi, l-ammont indikat għalhekk huwa dovut mir-rikorrent.*
> 5. *Illi, di più, r-rikorrenti addirittura lanqas m'hu qiegħed iħallas il-kontijiet kurrenti, oltre l-ammont li qiegħed jiġi kkontestat.*
> 6. *Illi, ulterjorment, it-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*
> 7. *Illi, kontestwalment ma' din ir-risposta, qegħda tiġi intavolata kontro-talba għall-ammont pretiż mill-esponenti."*

Fil-kontro-talba tagħha, is-soċjetà appellanta filwaqt li sostniet li r-rikorrent huwa debitur fis-somma ta' disat elef ħames mija sitta u sittin Euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€9,566.74) rappreżentanti kontijiet pendenti għall-konsum ta' elettriku u/jew ilma, kera tal-*meters* rispettivi, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees,* u mgħax bir-rata ta' 6% fis-sena, talbet għal:

> "4. *Kundanna għall-ħlas mill-intimat tal-ammont ta'* ***disa' t'elef, ħames mija u sitta u sittin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€9,566.74)*** *rappreżentanti kontijiet pendenti għal konsum t'elettriku u/jew ilma, kera ta'* meters *tal-elettriku u/jew ilma, spejjeż amministrattivi,* connection *u* disconnection fees *u imgħax bir-rata ta' 6% kull sena relatati mas-servizzi utili mogħtija fil-fond* ***16, St Luke Hse Alley 1, Trejqet il-Qolla, Mellieħa, Manikata*** *bin-numru* ***101000053512*** *flimkien mal-ispejjeż ta' din il-proċedura*
>
> 5. *Ordni għall-ħlas tal-ammont ta'* ***disat elef, ħames mija u sitta u sittin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€9,566.74)*** *rappreżentanti kontijiet pendenti għal konsum t'elettriku u/jew ilma, kera ta'* meters *tal-elettriku u/jew ilma, spejjeż amministrattivi,* connection *u* disconnection fees *u imgħax bir-rata ta' 6% kull sena relatati mas-servizzi utili mogħtija fil-fond* ***16, St Luke Hse Alley 1, Trejqet il-Qolla, Mellieħa, Manikata*** *bin-numru* ***101000053512****, flimkien mal-ispejjeż ta' din il-proċedura."*

5. L-appellat wieġeb fit-23 ta' Settembru, 2022, fejn eċċepixxa kif ġej:

> *"Illi parti mit-talba tal-intimat rikonvenzjonat hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f).*

*Illi għandu jigi ddikjarat li t-talbiet tal-intimat rikonvenzjonat huma miċħuda, u ma hemm ebda ammont ta' ħlas dovut fil-konfront tagħhom fuq il-fond bl-indirizz 16,*

*Trejqet il-Qolla, Manikata stante li l-kontijiet ta' dawl u ilma riveduti li intbgħatu lir-rikorrenti f'jannar 2019, kienu diġà ġew imħallsin fl-intier tagħhom mir-rikorrenti matul il-perijodu bejn April 2017 u Jannar 2019.*

*Illi għaldaqstant it-talbiet tal-intimat rikonvenzjonat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontrihom."*

## Il-Lodo Arbitrali

12. Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***Il-fatti saljenti***:

1. *Ikkonsidra li dan huwa każ partikolari li ingħata bidu in vista ta' kontestazzjoni ta' kontijiet li l-attur jgħid li kien ġia ħallas għalihom qabel ma reġa' eventwalment irċieva kont aġġornat dwarhom, b'lura, f'Awwissu 2019, b'ammonti ferm ogħla minn dawk li kien preċedentement ħallas matul l-istess perijodu in kwistjoni ċioe' għall-perijodu bejn April 2017 u Jannar 2019 – liema kont kif aġġornat, l-attur irrifjuta li jħallas għar-raġunijiet indikati fix-xhieda tiegħu u ċioe' fil-qasir peress illi huwa huwa kien ġia ħallas għall-kontijiet li kienu nħarġu għal tali perijodu qabel ir-reviżjoni li kienet saret, kif ukoll peress illi ma setax isib raġuni valida għalfejn il-konsum kif reviżjonat għall-perijodu in kwistjoni kien ferm ogħla minn dak li kien preċedentement tant li l-konsum reġa' lura għan-normal wara li kien inbidillu l-*meter *in kwistjoni.*
2. *Da parti tal-kumpannija ntimata din issostni li hija kellha tagħmel din ir-reviżjoni stante li għal perijodu twil, l-arloġġ tal-ilma tar-rikorrent ma kienx qiegħed jinqara u li minħabba f'hekk ħareġ konsum akkumulat.*
3. *Illi matul il-mori ta' dawn il-proċeduri, ġew prodotti rappreżentanti tal-kumpannija konvenuta li spjegaw dak li skont huma kien seħħ, fejn fl-istess ħin baqgħu jeskludu l-possibilità li r-*readings *tal-ilma li kienu rriżultaw kienu riżultat ta' arloġġ* (meter) *difettuż li kien qed idawwar* reading *ogħla minn dak li kien qed jiġi effettivament ikkunsmat bħala ilma.*
4. *F'dan ir-rigward issir referenza għax-xhieda li ingħatat minn Keith Zahra I.D. 281390(M) fir-raba' seduta li xehed fir-rigward ta' dak li rriżulta mill-Water Services fejn spjega fost oħrajn is-segwenti:*

Bħala konsum matul is-snin l-ewwel kien hemm meter antik M70550 minn Ottubru 2009 sa 10/11 ta' Frar 2019 il-konsum skont l-ismart metering kien jinġabar sa Marzu 2017 remotely u wara din id-data fiżikament mill-meter reader kull xahrejn.

Il-module kien jibgħat M readings tar-reading attwali skont il-meter sa Marzu 2017 u mbagħad il-konnessjoni għal xi raġuni ntilfet għal raġuni teknika u bdew imorru meter readers. Għalina ma tkunx problema għalina għaliex l-imporanti li jinġabar reading. Fi Frar 2019 imbagħad inbidel il-meter.

...

Mistoqsi x'iwassal biex jinbidel meter f'residenza inwieġeb li jista' jkun għal ħafna raġunijiet eżempju jekk ikun hemm meter slow, jew jieqaf jew suspett ta' tbagħbis jew jekk ikun hemm problema fir-reception fejn il-meter ma jkunx qed jaqbad reception kif semmejt.

...

Mistoqsi f'dan il-każ għalfejn inbidel fil-11 ta' Frar 2019 inwieġeb li qed nippreżenta kopja ta' chit tal-installation li saret dak iż-żmien fejn jidher li nbidel biex tittranġa r-reception. Ma għandix min għamilha t-talba. Jista' jkun fuq talba interna jew anki minn talba tal-ARMS. F'dan il-każ il-modules il-ġodda ma kienux jaqblu mal-meter li kien hemm dak iż-żmien u allura nbidel kollox.

...

Mistoqsi għalfejn jekk kien hemm problema f'Marzu 2017, il-bidla saret kważi sentejn wara inwieġeb li teknikament il-problema tal-module ma kinitx kritika għalina ladarba kien qed jinqara mill-meter reader. Sa fejn nafu aħna dil-problema tal-module ma kinitx qed taffetwa ir-reading innifsu.

Mistoqsi jekk ir-readings li kellna aħna bejn Marzu 2017 u Jannnar 2019 inwieġeb li l-konsum f'dal-perijodu deher li kien aktar ogħli minn konsum ta' qabel. Qabel kien hemm konsum ta' circa 20 cubic meters kull xahrejn u mbagħad qisu tela' għal 150 cubic meter kull xahrejn.

Mistoqsi mill-Arbitru jekk meta l-Water Services rawx din il-qabża jekk ħadux xi passi inwieġeb illi dak iż-żmien sa fejn naf jien ma kienx hemm din is-sistema li nieħdu azzjoni mingħajr ilment. Inkun irrid niċċekkja meta bdiet is-sistema li nieħdu azzjoni aħna stess malli ninnotaw spike.

> Mistoqsi għal liema raġuni din l-ispike ma ġietx invoiced mill-ewwel fil-kontijiet in kwisjoni dak iż-żmien inwieġeb li ma nafx.
>
> ...
>
> Mistoqsi jekk il-meter li kien inġabar konniex bqajna fil-pussess tiegħu inwieġeb li dawn jiġu scrapped. Mistoqsi però jekk minħabba li ndujnajna li kien hemm konsum għoli għal perijodu ta' kważi sentejn, jekk qabel ma ġie scrapped kienux saru xi verifiki dwaru inwieġeb li nkun irrid niċċekkja però probabilment le. Jekk saret talba biex jiġi ċċekkjat niċċekkja.

5. *Illi dwar din il-verżjoni, dan it-Tribunal fl-ewwel lok ħa konjizzjoni tal-kontijiet kollha referibbli għall-perijodu in kwistjoni (u anki dawk ta' qabel u ta' wara) kif esebiti minn Reuben Bonnici I.D. 448471(M) in rapprezentanza tal-kumpannija ntimata fit-tieni seduta kif ukoll dawk li ġew esebiti qabel ma t-Tribunal għadda għall-*award *fejn l-istess Tribunal talab il-kopja fiżika tal-kontijiet proprji u oriġinali li kienu nħarġu għal bejn il-perijodu in kwistjoni ta' bejn Marzu 2017 u Jannnar 2019 peress li rriżulta li dawn ma kienux ġew esebiti mad-dokumenti esebiti fit-tieni seduta.*

6. *Dan l-eserċizzju sar biex it-Tribunal ikollu stampa aktar ċara dwar dak li seta' wassal għas-sitwazzjoni li svolġiet fejn prattikament kellhom jiġu konsidrati żewġ xenarji u ċioe' jew illi 1) għal xi raġuni l-attur matul il-perijodu in kwistjoni kien tassew iġġenera konsum ta' ilma ferm aktar minn normal, sew jekk konxjament jew mingħajr hu stess ma kien jaf, jew illi 2) kien hemm xi żball fil-qari tal-*meter *in kwistjoni, l-ipproċessar tal-kontijiet relattivi, jew f'dak li l-*meter *kien qed jindika sforz ta' difett jew ħsara fih;*

***Osservazzjonijiet***

7. *Illi l-ewwel punt li dan it-Tribunal innota hu li filwaqt illi l-kumpannija ntimata fir-risposta tagħha sostniet illi għal perijodu twil, l-arloġġ tal-ilma tar-rikorrent ma kienx qiegħed jinqara u li minħabba f'hekk ħareġ konsum akkumulat, ix-xhieda ta' Keith Zahra kif riprodotta* in parte *aktar kmieni tikkontradixxi tali asserzjoni tant li dan ikkonferma għal darbtejn illi matul il-perijodu in kwistjoni, anki meta l-*meter *ma kienx baqa' jibgħat is-sinjal biex jinqraw ir-*readings *b'mod remot, il-qari tal-*meter *kien xorta baqa' jsir fiżikament tant li sostna li:*

   ... minn Ottubru 2009 sa 10/11 ta' Frar 2019 il-konsum skont l-ismart metering kien jinġabar sa Marzu 2017 remotely u wara din id-data fiżikament mill-meter reader kull xahrejn...

   *Kif ukoll:*

> ... sa Marzu 2017 u mbagħad il-konnessjoni għal xi raġuni ntilfet għal raġuni teknika u bdew imorru meter readers. Għalina ma tkunx problema għalina għaliex l-imporanti li jinġabar reading.

*F'dan ir-rigward it-Tribunal ħa konjizzjoni tal-kontijiet proprji li nħarġu matul il-perijodu in kwistjoni (fn. 1: Bis-segwenti* invoice numbers*: 24179439 24473245 24799708 25114501 25448851 25774433 26086564 26391019 2669580 27033485) (u li nħarġu perjodikament) fejn effettivament irriżulta li l-kontijiet li kienu jkopru l-perijodu ta' bejn April 2017 sa l-1 t'Awissu 2018 kienu dejjem* **Actual** *(indikati bl-ittra 'A' u li matul tali perijodu kien hemm reġistrat konsum ta' bejn 1155* cubic meters *sa 1194* cubic meters.

*Il-kont imbagħad li kien ikopri bejn it-2 t'Awwissu 2018 sas-26 ta' Settembru 2018 ħareġ bħala stima (E) fejn indika konsum stmat ta' 5* cubic meters *biex imbagħad il-kont ta' wara li reġa' kien* **Actual** *indika li bejn it-2 t'Awiwssu 2018 u 30 ta' Novembru 2018 kien ġie ġenerat konsum ta' 11-il* cubic meter *biex b'hekk il-konsum totali tela' għal 1205* cubic meters.

9. *Ikkunsidra li mbagħad għal xi raġuni, l-ewwel kont* revised *bin-numru 27362900 fejn għamel referenza għall-konsum tal-ilma kif* 'revised' *minn 1155* cubic meters *għal 3074* cubic meters *ġie ndikat bħala* ***Stima (E)****.*

10. *B'mod inspjegabbli il-kontijiet kif* revised *(fn. 2: Bis-segwenti* invoice number *27080073 27080074 27080075 27080076 27145415 27145416 27145417 27145418 27145419 27145420 27145421 ) li ntbagħtu sussegwentement in konnessjoni ma' din ir-reviżjoni u li qed jinftehmu li kienu wkoll intiżi li jkopru l-istess perijodu hawn fuq indikat ta' bejn April 2017 u Jannar 2019 ġew indikati wkoll bħala* Actual *bl-eċċezzjoni tal-kont 27145421 li jindika li kien* reading *provdut mill-konsumatur (C) minkejja li dawn ħarġu kollha f'daqqa fis-17 ta' Jannar 2019!*

11. *Ikkonsidra li huwa minnu li skont ir-ritratt tar-*reading *li kien ittieħed tal-*meter *in kwistjoni meta nqala' (Dok KZ3 esebit minn Keith Zarha fir-raba' seduta) dan jindika* reading *ta' 3081* cubic meters *però l-fatt jibqa' li kif indikat aktar kmieni ir-*readings *li kienu ndikati li kienu qed jittieħdu minn żmien għal żmien skont il-kontijiet oriġinali li nħarġu matul il-perijodu in kwistjoni kienu wkoll jindikaw li kienu* **actual** *u fejn ir-*reading *skont l-istess kontijiet wassal għal kejl ta' 1205* cubic meters *sa Novembru 2018 u mhux ir-*readings *li mbagħad ġew indikati fil-kontijiet kif* revised *li għadhom kemm issemmew u li b'xi mod ġew ukoll indikati bħala* Actual.

12. *Illi dawn il-kontradizzjonijiet fejn għaldaqstant matul l-istess perijodu spiċċaw inħarġu żewġ kontijiet differenti b'*readings *li kienu jkunu* actual *inisslu dubju serju*

*dwar liema* reading *kien verament korrett. Dan id-dubju fiċ-ċirkostanzi jrid imur a benefiċċju tal-konsumatur ladarba huwa sostna (mingħajr ma ġie kontradett) li kien qed iħallas regolarment il-kontijiet oriġinali li ħarġu matul tali perijodu (anki jekk mhux ċar jekk effettivament kienx iħallas kollox peress li jidher li minn kont għal kont kien qed jibqa' bilanċ dovut anki wara li kienu jsiru ċertu ħlasijiet).*

13. *Fi kwalunkwe każ, irrispettivament minn kemm kien qed iħallas il-punt jibqa' li l-attur kien qed jimxi a bażi tas-serħan tal-moħħ li suppost kellu li l-kontijiet li kien qed jirċievi kienu* 'actual' *u li dak li kien qed iħallas jew li kellu suppost iħallas kien ibbażat fuq* readings *ċerti u korretti (ladarba kienu* actual*). Fil-frattemp kwalsiasi ħlas li kien qed isir kien qed jiġi aċċettat ukoll mill-kumpannija ntimata.*

14. *L-argument kien ikun differenti kieku dawn il-kontijiet inizjali kienu qed jinħarġu a bażi ta' stima imma ladarba kienu qed jinħarġu a bażi ta'* readings *li kienu qed jiġu ndikati bħala* **<u>actual</u>**, *l-attur bħala konsumatur ma setax jerġa' jiġi rinfaċċjat b'kontijiet oħra, sentejn wara, li jkopru l-istess perijodu fejn f'daqqa waħda l-konsum ġie ndikat li kien ferm aktar superjuri.*

15. *Għalkemm il-qari ta' ta' 3081* cubic meters *li rrizulta skont ir-ritratt KZ3 ittieħed skont ix-xhud Keith Zahra meta ġie biex jinqala' l-*meter *l-antik, u li meta spezzjonat dan ġie ndikat li kien qed jaħdem, matul is-sentejn ta' qabel, dan ir-*reading *ma kienx qed jiġi ndikat tant li l-konsum indikat fuq il-kontijiet kienu qed joħorġu wkoll bħala* actual *kien ferm inferjuri għal tali qari!*

16. *Fl-istess waqt il-konsum qabel il-perijodu in kwistjoni u wara li nbidel il-*meter *ma kienx elevat bħal ma kien meta ttieħed in konsiderazzjoni l-qari ta' 3081* cubic meters *li jidher li tqassam arbitrarjament mill-intimati jew min minnhom, fuq il-medda ta' cirka sentejn bejn April 2017 u Jannar 2019 u b'hekk ma tirriżulta ebda spjegazzjoni loġika għalfejn matul tali perijodu, kellu jkun hemm konsum daqstant elevat meta l-*actual readings *li ttieħdu matul tali żmien skont il-kontijiet oriġinali li kienu nħarġu matul tali perijodu skont* actual readings *ma kienx elevat b'dan il-mod.*

17. *Kwalsiasi ipotesi dwar x'seta ġara u dwar għalfejn ir-*reading *tal-*meter *kien ta' 3081* cubic meters *meta ġie biex jinqala' jew wara li nqala', tkun biss waħda spekulattiva. Il-punt jibqa' li matul il-perijodu in kwistjoni, ir-*readings *kienu qed jittieħdu anki fiżikament, kienu qed jinħarġu kontijiet indikati bħala* actual *u b'hekk ma jkunx ġust li sussegwentement imbgħad l-istess kontijiet jerġgħu jiġu f'daqqa waħda* revised *b'konsum ieħor li ma hemm l-ebda spjegazzjoni dwar kif u jew meta rriżulta, aktar u aktar meta l-qari ta' 3081* cubic meters *ittieħed meta ġie biex jinbidel il-*meter*.*

18. *Daparti tal-attur, dan bħal donnu jikkontendi anki fis-sottomissjoniijiet tiegħu li l-*meter *seta' kien spiċċa jindika dan ir-*reading *għax kien qed idur b'rata aktar mgħaġġla min-normal.*

19. *Daparti tax-xhud Keith Zahra din il-possibilità ġiet eskluża meta xehed fil-ħames seduta għaliex skontu,* meter *jekk ma jkunx qed jaħdem jieqaf jew jibda jeħel u mhux jimxi b'rata aktar mgħaġġla.*

20. *Għalkemm dan it-Tribunal mhux konvint li* meter *ma jistax jibda jimxi b'mod aktar mgħaġġel min normal jekk dan ikollu xi ħsara, bħal ma* meter *jista' jibda jimxi aktar bil-mod min-normal, dan it-Tribunal qed jagħmilha ċara li hu mhux qed jasal għall-konkluzjonijiet tiegħu a bażi ta' din l-ipotesi.*

21. *Però xi forma ta' anomalija kienet x'kienet, għandha titqies li rriżultat tenut kont li matul is-sentejn in kwistjoni kull kont* actual *li kien jinħareġ ma kienx juri tali konsum daqstant elevat minkejja li kienu qed jittieħdu* readings actual *liema* readings *kienu qed jittieħdu fiżikament proprju għaliex il-*meter *ma kienx baqa' jibgħat is-*signal *b'mod remot.*

22. *Dan apparti l-fatt li jekk stess kien hemm din il-problema li s-*signal *ma kienx qed jintbagħat b'mod remot, il-kumpannija ntimata missha ħadet il-passi opportuni mill-ewwel biex issewwi jew tbiddel l-istess* meter *u mhux tħalli sentejn biex tbiddlu (irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk tali ħsara ma kinitx taffetwa l-qari tal-konsum). Anzi l-fatt li dan ma nbidilx ifisser li min kien imur jaqra r-readings kien sodisfatt li l-meter kien qed jaħdem u allura wieħed jispiċċa jikkonkludi li l-ewwel set ta' kontijiet għall-perijodu in kwistjoni kienu korretti u li b'hekk ma kellhomx jerġaw jiġu revised.*

23. *Irrispettivament mill-ġurisprudenza kwotata mill-kumpannija ntimata fis-sottomissjonijiet tagħha, fiċ-ċirkostanzi tassew partikolari tal-każ odjern, l-assunzjoni ma tistax tkun li l-konsum ta' 3,081* cubic meters *kien wieħed korrett u li l-*meter *kien qed jaħdem sew meta l-qari fuq diversi kontijiet preċedenti li kienu wkoll* actual *kien juri mod ieħor. Ma hemm għaldaqstant l-ebda spjegazzjoni valida għalfejn il-kontijiet kif* revised *fl-2019 kellhom jitqiesu li kienu korretti mentri dawk li nħarġu perjodikament bejn l-2017 u l-2019 ma kienux, meta dawn kienu wkoll jindikaw konsum* 'actual' *u meta kien saħansitra jmur* meter reader *jieħu r-*readings *fiżikament meta l-*meter *ma kienx baqa' jibgħat* remote signal.

24. *B'hekk kwalsiasi dubju jew benefiċċju tad-dubju dwar x'wassal biex eventwalment il-*meter *spiċċa f'daqqa waħda jindika* reading *ta' 3081* cubic meters *proprju meta ġie biex jinbidel, għandu jmur favur il-konsumatur li ma jistax jiġi mistenni li fid-dawl ta' dawn id-dubji kollha jħallas kont tassew elevat kif* revised *a bażi ta' kont*

revised *bin-numru 27362900 fejn għamel referenza għall-konsum tal-ilma kif* ‘revised’ *minn 1155* cubic meters *għal 3074* cubic meters *u fejn l-istess kont ġie ndikat bħala Stima (E) meta fis-sentejn ta’ qabel kienu qed jinħarġu kontijiet* actual *u jsiru ħlasijiet perjodiċi wara tali kontijiet.*

25. *F’dan ir-rigward it-Tribunal jindika wkoll li huwa nklinat li jemmen il-verżjoni tal-attur fejn dan baqa’ jsostni li fil-perijodu bejn April 2017 u Jannar 2019, ma kien hemm ebda ċirkostanza li setgħet ikkaġunat* spike *fil-konsum tal-ilma għaliex matul l-istess xhieda ma kien hemm l-ebda komportament mill-attur li b’xi mod nissel xi dubju dwar il-kredibilità tiegħu. Issir ukoll referenza għal dak li sostna fl-aħħar seduta u ċioe’ s-segwenti:*

    Mistoqsi wara li nbidel il-meter x’ġara inwieġeb li l-kontijiet reġgħu marru lura għan-normal. Għalhekk ikkonkludejt li l-meter kien bil-ħsara. Wara l-invoices għoljin sar il-bdil tal-meter u l-invoices ġew normali.

    Mistoqsi mill-arbitru jekk qatt sibtx xi sors ta’ leak nerġa’ nikkonferma li qatt ma kien hemm. Mistoqsi wkoll jekk wara li nbidel il-meter kienx hemm xi bidla fil-mod kif nikkunsmaw l-ilma bħala household inwieġeb li le.

    Fil-fehma tiegħi biex jitla’ l-konsum li tela’ dak iz-zmien il-leak ma kienx ikun xi leak zgħir izda wieħed sostanzjali li naf li ma kienx hemm.

26. *Bl-istess mod, it-Tribunal jinsab ukoll konvint li l-kumpannija ntimata ma kinitx qed taġixxi b’*mala fede *fil-konfront tal-attur – madanakollu d-dubji li jirriżultaw għandhom jitqiesu li jridu jmorru favur l-attur bħala konsumatur.*

27. *Il-fatt li l-*meter *in kwistjoni ma kienx ġie* tested *sew qabel u sew wara li nqala’ ma jnaqqas xejn minn dawn id-dubji anzi se mai jitqies li fiċ-ċirkostanzi, kellha tkun il-kumpannija ntimata li kellha tivverifika jekk il-*meter *kellux xi ħsara qabel ma dan ġie* scrapped*, meta din innnutat li dan kien f’daqqa waħda qed juri* reading *ta’ 3081* cubic meters *meta fir-*readings *perjodiċi li ttieħdu preċedentement minn żmien għal żmien ir-*readings *kienu ferm inferjuri. Mingħajr prova konkreta dwar jekk il-*meter *in kwistjoni kienx qed jaħdem sew jew le meta f’daqqa waħda ġie juri* reading *ta’ 3,081* cubic meters*, kwalsiasi dubju għandu jmur favur il-konsumatur.*

28. *Lanqas ma tirriżulta spjegazzjoni valida għalfejn il-kontijiet* revised *li nħarġu f’daqqa fis-17 ta’ Jannar 2019 indikaw* readings actual *(dawk indikati fil-*footnote *numru 2) għall-perijodu in kwistjoni bejn l-2017 u l-2019, meta l-kontijiet oriġinali matul l-istess perijodu (indikati fil-*footnote *numru 1) kienu wkoll jinħarġu bħala* “actual” *a bażi ta’* “readings” *li kienu jittieħdu fiżikament skont ma xehed Keith Zahra kif indikat aktar kmieni.*

29. *Lanqas ma rriżultat spjegata r-reviżjoni u riduzzjoni* ‘ex gratia’ *jekk tista’ tissejjaħ hekk li kienet saret wara li nħarġu tali kontijiet kif* revised *a bazi ta’ tariffa aktar baxxa u b’hekk ma jidher li hemm l-ebda raġuni valida għalfejn dan it-Tribunal għandu joqgħod fuq l-ammont kif kien ġie* revised *minflok joqgħod fuq il-kontijiet oriġinali li kienu nħarġu bejn l-2017 u l-2019 b’mod perjodiku a bażi ta’* “readings” “actual”.

***Osservazzjonijiet oħra dwar il-kontro-talba tal-intimati***

30. *Mingħajr preġudizzju għal dak li għadu kemm ġie kkonsidrat fadal ukoll però x’tiġi konsidrata l-kontro-talba tal-intimati li b’mod partikolari tidher li tirreferi għall-fatt li oltre l-kontijiet kontestati ndikati fil-parti preċedenti ta’ din id-deċiżjoni, l-attur daparti tiegħu naqas milli jagħmel ħlasijiet oħra li kienu dovuti b’mod partikolari mill-2019 sa meta ġie biex jinfetaħ dan l-arbitraġġ – anki jekk effettivament għandu jirriżulta li kienu saru ċertu ħlasijiet minn żmien għal żmien għalkemm f’somom inferjuri – ara pereżempju ħlasijiet indikati fil-kontijiet bin-numri 29015770, u 29701757 fost oħrajn u aktar riċentement il-kont numru 33875994.*

31. *Fis-sottomissjonijiet tal-intimati, dwar dan il-punt ġie ndikat is-segwenti:*

> 40. Illi, fil-kontro-talba taghha, l-esponenti qegħda titlob mingħand ir-rikorrent, il-ħlas ta’ Euro 9566.74 li hemm pendenti fuq il-kont bin-numru 101000053512, intestat f’isem Peter Seychell.
>
> 41. Illi, qabel xejn jiġi sottomess illi dan l-ammont jirrispekkja l-ammont indikat fil-fattura bin-numru 34586077, datata 18 ta’ Awwissu 2022, fl-ammont ta’ Euro 9566.74, esebita in atti. Għalhekk teżisti prova ċara tal-ammont mitlub mill-esponenti fil-kontro-talba tagħha.
>
> 42. Illi, huwa tajjeb jiġi ċċarat li għalkemm l-esponenti intavolat il-kontro-talba, imkien fil-provi prodotti mir-rikorrent ma jidher li hemm xi forma ta’ disputa jew kontestazzjoni fuq l-ammont mitlub mill-esponenti, ħlief għal dak l-ammont indikat fit-talba tar-rikorrent, u ċjoe’ l-ammont ta’ Euro 7686.99.

32. *Dwar dawn l-osservazzjonijiet għandu jirriżulta li effettivament l-attur ma jidhirx li qed jikkontesta l-kontijiet li nħarġu lilu wara li kien inbidel il-*meter *tiegħu fl-2019 u li kwalsiasi eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni ma kinitx applikabbli għal kontijiet wara l-2019 proprju għaliex il-perijodu ta’ ħames snin preskrizzjoni ma kienx iddekorra sa meta bdew dawn il-proċeduri. L-impressjoni hi li l-attur ma ħallasx il-bilanċ referibbli għal dak li kien qed jiġi kkunsmat minnu wara l-kontijiet kontestati minnu* ‘under protest’ *minħabba s-sitwazzjoni li rriżultat anki jekk fil-frattemp jidher li kienu saru xi pagamenti kif hawn fuq aċċennat.*

*Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi l-umli fehma hi li l-kontro-talba tal-intimati għandha tintlaqa' parzjalment fir-rigward tad-differenza bejn is-somma ndikata fil-fattura bin-numru 34586077, datata 18 ta' Awwissu 2022, fl-ammont ta' €9,566.74, esebita in atti u l-ammont indikat fit-talba tar-rikorrent (ċioe' l-ammont* in dispute*) ta' €7,686.99 li kien jirrefletti l-ammont kif kien* revised *mill-intimati skont il-kont bin-numru 28519096 datat 17 ta' Settembru 2019, ekwivalenti għal €1,879.75 diment li fil-frattemp ma sarux pagamenti akkont ta' din id-differenza."*

**L-Appell**

13. Is-soċjetà appellanta appellat mil-lodo arbitrali quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ntavolat fit-2 ta' Ottubru, 2024, fejn qiegħda titlobha sabiex:

*"... jogħġobha **(1)** tħassar u tirrevoka dik il-parti mis-sentenza appellata fejn laqgħet it-talba tal-appellat Peter Seychell fejn ġe ddikjarat li l-appellat m'għandux jitqies debitur tal-kumpanniji intimati jew min minnhom u konsegwentement ma għandux iħallas l-ammont ta' Euro 7686.99 **(2)** Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet* in parte *il-kontro-talba tas-soċjetà Appellanta u kkundannat u ordnat lil Peter Seychell iħallas l-ammont ta' Euro 1,879.75; **(4)** tilqa' l-eċċezzjonijiet u t-talbiet fil-kontro-talba tal-appellanti; **(5)** tħassar u tirrevoka dik il-parti mis-sentenza fejn l-appellanta ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż referibbli għat-talba prinċipali u konsegwentement tiddikjara li l-ispejjeż kollha għandhom jiġu sapportati mill-appellat.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-appellati."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (i) hija ma kinitx taqbel mal-argument tal-Arbitru li l-appellat kien ħallas għal dak dovut mingħandu; u (ii) l-Arbitru kien inkonsistenti fil-konklużjonijiet tiegħu.

15. L-appellat wieġeb fit-23 ta' Ottubru, 2024, fejn filwaqt li fisser ir-raġunijiet tiegħu, sostna li l-lodo arbitrali huwa ġust u jimmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji li qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta, u dawn fid-dawl tas-sottomissjonijiet li ppreżenta l-appellat, u ta' dak li ddeċieda l-Arbitru.

17. *L-ewwel aggravju* tas-soċjetà appellanta huwa dwar il-konklużjoni tal-Arbitru, li l-appellat kien fil-fatt ħallas kollox meta ħallas il-kontijiet li kien irċieva. Tgħid li hija ma taqbilx mal-argument tal-Arbitru, u tgħaddi sabiex tispjega r-raġunijiet tagħha għal dan. Hija tissottometti li l-uniku kejl tal-konsum tal-ilma li għandu jittieħed sabiex b'hekk jiġi kkalkulat il-konsum, huwa l-qari reġistat fuq l-arloġġ. Is-soċjetà appellanta tispjega li l-appellat kien qiegħed jirċievi l-kontijiet minn żmien għal żmien, iżda fis-sena 2019 ġie stabbilit li dawn ma kienux korretti, u għalhekk ġew riveduti wara li ttieħed il-qari minn fuq l-artloġġ tal-ilma, li tgħid jirrifletti l-konsum attwali. Tgħid li l-fattura 27145421 fis-somma ta' €9,917.58 kienet inħarġet wara li l-appellat ipprovda huwa stess il-qari tal-arloġġ, u qabel ma nbidel l-imsemmi arloġġ, reġa' ttieħed qari ieħor mill-impjegati tagħha, u b'hekk peress li dan żdied, inħareġ kont ta' €10,486.05 sabiex jirrifletti ż-żieda. Hija tiċċita dak li qal l-Ing. Keith Zahra fix-xhieda tiegħu tal-15 ta' Settembru, 2023, u tagħmel riferiment għar-ritratt esebiet minnu u mmarkat Dok. KZ3, li tgħid huwa konferma tal-qari tal-konsum minn fuq l-arloġġ. Tgħid li l-Arbitru madankollu skarta dawn il-provi, u aċċetta dak li kien qiegħed jinsisti fuqu l-appellat, għaliex ġaladarba dan kien irċieva u ħallas il-kontijiet l-oħra qabel dawk riveduti, huwa kien issalda kull ammont dovut. Is-soċjetà appellanta tissottometti li l-appellat seta' faċilment, minħabba l-fatt li l-arloġġ jinsab proprju fil-proprjetà

tiegħu, iqabbel il-konsum indikat fuq il-kont ma' dak attwali, u b'hekk indika li huwa kien qiegħed iħallas għas-saldu. Tgħid li madankollu huwa m'għamilx hekk.

Is-soċjetà appellanta tgħid li _*t-tieni aggravju*_ tagħha huwa fir-rigward tal-inkonsistenza fil-konklużjonijiet li tinsisti li kien hemm fil-lodo arbitrali. Tissottometti li filwaqt li l-Arbitru ddikjara li huwa ma kienx ser jikkunsidra l-possibilità li kien hemm xi ħsara fl-arloġġ tal-ilma, huwa madankollu wasal għall-konklużjoni li dan kien difettuż mingħajr ma kien hemm prova dwar dan. Hija tirrileva li l-appellat fl-ebda ħin ma talab sabiex l-arloġġ jiġi ttestjat, u dan kien jinkombi fuqu skont il-L.S. 545.03 *'Regolamenti dwar il-Provvista tal-Ilma'*, ġaladarba kien hemm suspett li ma kienx qiegħed jaħdem sew. Tinsisti li l-preżunzjoni hija li l-arloġġ jaħdem u jiffunzjona sew, u min jallega l-kuntrarju għandu jressaq id-debita prova, iżda dan ma sarx fil-każ odjern. Għalhekk tgħid li l-Arbitru ma kienx korrett meta wasal għall-konklużjoni li l-arloġġ ma kienx qiegħed jaħdem sew, u li għalhekk il-qari ma kienx wieħed korrett.

12. L-appellat qabel xejn jissolleva n-nullità tal-appell odjern stante li huwa *fuori termine ai termini* tas-subartikolu 70B(2), u dan fejn is-soċjetà intimata ma ressqet l-ebda prova dwar meta hija kienet ġiet notifikata bil-lodo arbitrali. Dwar l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, huwa jibda billi jiċċita dak li qal l-Arbitru fil-paragrafi tmienja sa tnax tal-lodo arbitrali. Jirrileva li huwa kien jirċievi kontijiet b'mod regolari, u huwa dejjem għamel il-pagamenti dovuta. Imbagħad f'Jannar 2019 kien irċieva diversi kontijiet riveduti, fejn il-konsum tal-ilma kien wieħed għoli ferm meta pparagunat mas-snin ta' qabel. Huwa jagħmel riferiment għall-*print-out* li esebixxa l-Inġ. Keith Zahra, fejn kien hemm spjegat il-konsum tal-ilma minn 2009 sa Settembru 2022, u jagħmel riferiment ukoll għax-xhieda tiegħu

dwar kif kien jittieħed il-qari tal-konsum u meta, u għaliex inbidel l-arloġġ fi Frar 2019. Wara li ċċita dak li qal l-Arbitru li l-arloġġ kellu jinbidel hekk kif is-soċjetà appellanta indunat li l-konnessjoni permezz tas-*signal* kienet intilfet, u li ġaladarba ma nbidilx, min kien qiegħed jaqra l-arloġġ kien sodisfatt li dan kien qiegħed jaħdem sew, huwa għamel riferiment għax-xhieda tal-Ing. Keith Zahra fejn dan spjega l-medja tal-konsum ta' persuna f'sena. Qal li l-konsum reġistrat fuq l-arloġġ ċertament ma kienx wieħed normali. Isostni li dan kollu juri li s-soċjetà appellanta kienet taf li kien hemm xi ħaġa mhijiex f'lokha, u jagħmel riferiment għal dak li qal l-Arbitru li ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni għaliex il-kontijiet riveduti fl-2019 kellhom jitqiesu korretti, u dawk li nħarġu bejn 2017 u l-2019 ma kienux. Dwar it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellat jgħid li hawnhekk huwa jixtieq jagħmel riferiment għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li huwa kien ippreżenta quddiem l-Arbitru, fejn kien għarbel sew ix-xhieda tal-Inġ. Keith Zahra. L-appellat qal li x-xhud kien spjega li *"l-meter hu volumetric u b'hekk normalment f'każ ta' ħsara jiġi* slow *jew jieqaf mhux jiġi fast",* u li ma kienux saru verifiki fuq l-arloġġ qabel ma ġie *scrapped* għaliex dan kien għadu qiegħed idur. L-appellat jissottometti li dan kollu ġie osservat bir-reqqa mill-Arbitru, u qal li d-dubju għandu jmur favur il-konsumatur. L-appellat jgħid li min-naħa tiegħu ma kien hemm l-ebda kontributorjetà għall-konsum għoli, għaliex huwa kien għamel verifika wkoll dwar jekk kienx hemm xi *leakage.* L-appellat jgħid li dan ikkonfermah ukoll l-Inġ. Keith Zahra. Jikkontendi li huwa ma jaqbilx mal-argument tas-soċjetà appellanta li min jallega l-kuntrarju, kien tenut juri li l-arloġġ ma jaħdimx sew, għaliex fil-każ tiegħu huwa kien wera li l-konsum għoli reġistrat ma kienx riżultat ta' xi aġir tiegħu. L-appellat jirrileva li s-soċjetà appellanta kienet rrikonoxxiet li kien hemm żball u ħarġet kreditu favur tiegħu, u b'hekk intwera li

ma kien hemm l-ebda ħtija min-naħa tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-eżerċizzju magħmul mis-soċjetà appellanta sabiex b'hekk wasslet għall-kreditu msemmi, l-appellat jiċċita dak li qal l-Arbitru, fejn osserva li ma kien l-ebda spjegazzjoni dwar dan kif sar, u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex huwa ma kellux joqgħod fuq il-kontijiet oriġinali li nħarġu bejn l-2017 u l-2019 fuq qari attwali tal-arloġġ. L-appellat għal darb'oħra jagħmel riferiment għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, fejn huwa osserva li kien irriżulta li ma kienx hemm komunikazzjoni tajba bejn l-ARMS Ltd u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-perijodu in kwistjoni, u kien wara l-2021 li din tal-aħħar bdiet tibgħat *sms* fejn jiġi nnutat li l-konsum kien żdied b'mod konsiderevoli f'daqqa. Isostni li rriżulta mill-provi li huwa ma kellu l-ebda ħtija għaż-żieda qawwija fil-konsum tal-ilma, u dan kien konsegwenza ta' difett fl-arloġġ li ma ġiex indirizzat mill-ewwel mis-soċjetà appellanta, u għal dan in-nuqqas ir-rappreżentant tal-WSC ma kienx jaf iwieġeb. Min-naħa tiegħu l-appellat jgħid li kif irċieva l-kontijiet riveduti, huwa kien mar ikellem lil ARMS u b'hekk inbidel l-arloġġ. Jinsisti li ż-żieda qawwija fil-konsum setgħet ġiet osservata mill-ewwel, iżda ċertament huwa m'għandux jagħmel tajjeb għall-kontijiet riveduti sentejn wara.

13. Il-Qorti tibda billi tagħraf li l-appell odjern ma jirriżultax li huwa *fuori termine.* Tirrileva li l-lodo arbitrali ntbagħat permezz tal-posta fl-istess jum li ngħata, u għalhekk wieħed għandu jikkunsidra li ġie kkomunikat lill-partijiet l-għada jew aktar tard. B'hekk ma tistax tiġi eċċepita n-nullità tiegħu.

14. Għal dak li huwa l-mertu, il-Qorti tgħid li l-lodo arbitrali huwa tajjeb. L-Arbitru qabel xejn fisser il-fatti rilevanti tal-każ odjern, u kkunsidra l-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet, fejn l-appellat kien qiegħed jinsisti li l-qari eżaġerat tal-

arloġġ kien riżultat ta' difett fl-istess arloġġ, u s-soċjetà appellanta kienet qiegħda tinnega dan. L-Arbitru qal li huwa kien ħa in konsiderazzjoni l-kontijiet mertu tal-proċeduri odjerni, iżda wkoll dawk tal-perijodi ta' qabel u ta' wara li kienu ġew esebiti mix-xhud Reuben Bonnici waqt it-tieni seduta li saret, u anki dawk li ġew esebiti fuq rikjesta tiegħu stess fir-rigward tal-perijodu in kwistjoni bejn Marzu 2017 u Jannar 2019. L-Arbitru qal li b'hekk huwa seta' jifhem x'seta' wassal għall-kontijiet in kwistjoni, fejn għal xi raġuni jew oħra seta' kien hemm konsum ferm aktar min-normal, jew kien hemm xi żball fil-qari tal-arlogg jew fl-ipproċessar tal-kontijiet stess, jew kien hemm difett jew ħsara fl-arloġġ.

15. L-Arbitru osserva li filwaqt li s-soċjetà appellanta fit-tweġiba tagħha kienet ikkonfermat li kien hemm perijodu fejn l-arloġġ tal-ilma ma kienx qiegħed jinqara, ix-xhud l-Inġ Keith Zahra qal li anki meta l-arloġġ ma kienx qiegħed jibgħat is-sinjal sabiex il-qari jittieħed b'mod remot, il-qari kien qiegħed isir b'mod fiżiku. L-Arbitru qal li fil-fatt il-kontijiet kienu juru li matul il-perijodu bejn April 2017 sal-1 ta' Awwissu, 2018, il-qari kien dejjem wieħed indikat bl-ittra 'A', jiġifieri '*Actual',* u l-konsum kien reġistrat bejn 1155 metru kubu sa 1194 metru kubu. L-Arbitru rrileva li madankollu l-kont għall-perijodu bejn it-2 ta' Awwissu, 2018, sas-26 ta' Settembru, 2018, kien għal konsum stmat ta' ħames metri kubu, filwaqt li l-kont għall-perijodu bejn it-2 ta' Awwissu, 2018 u t-30 ta' Novembru, 2018, kellu qari ndikat bħala *'Actual'* ta' ħdax-il metru kubu, sabiex il-konsum totali tela' għal elf mitejn u ħames (1205) metru kubu. L-Arbitru osserva li l-ewwel kont rivedut bin-numru 27362900 kien indikat bħala *'Stima (E)'*, filwaqt li dawk li jsegwu wkoll riveduti, kienu jindikaw li l-qari kien '*Actual',* iżda mhux fil-każ tal-kont 27145421, li kien jindika li l-qari tal-arloġġ kien ingħata mill-konsumatur, u dan qal fejn il-kontijiet kienu inħarġu kollha f'daqqa.

16. L-Arbitru kkunsidra li skont ir-ritratt tal-qari li ttieħed meta l-arloġġ tneħħa, liema ritratt kien ġie esebit mill-Inġ Keith Zarha bħala 'Dok. KZ3', il-qari kien ta' tliet elef wieħed u tmenin (3081) metru kubu. Irrileva li madankollu l-kontijiet oriġinali għall-istess perijodu kienu jindikaw qari '*Actual*', li sa Novembru 2018 kien ta' elf mitejn u ħames (1205) metri kubi.

17. L-Arbitru ġustament osserva li dawn il-kontradizzjonijiet fejn għall-istess perijodu nħarġu żewġ kontijiet differenti bil-qari '*Actual*', kienu jagħtu lok għal dubju dwar liema qari kien il-korrett, u għal dan ma kienet tirriżulta l-ebda spjegazzjoni. Ikkunsidra li d-dubju kellu jmur favur il-konsumatur, fejn dan kien qiegħed isostni mingħajr ma ġie kontradett, li huwa dejjem ħallas b'mod regolari l-kontijiet oriġinali. L-Arbitru sewwa kkunsidra li mingħajr ma kellu jittieħed in konsiderazzjoni kemm l-appellat kien qiegħed iħallas, huwa kien qiegħed jimxi fuq kontijiet fejn il-qari kien wieħed '*Actual*', u allura wieħed ċert u korrett. L-Arbitru osserva li min-naħa tagħha s-soċjetà appellanta kienet qiegħda taċċetta l-ħlas mingħand l-appellat. Ikkunsidra li ġaladarba l-kontijiet kienu jistrieħu fuq qari '*Actual*' u mhux fuq stima, l-appellat bħala konsumatur ma setax jiġi rinfaċċjat b'kontijiet ulterjuri sentejn wara, fejn il-konsum kien wieħed ferm aktar għoli. L-Arbitru spjega li għalkemm il-qari ta' tliet elef wieħed u tmenin (3081) metru kubu rriżulta mir-ritratt 'Dok. KZ3', li skont ix-xhud l-Inġ. Keith Zahra kien ittieħed hekk kif kien ser jinqala' l-arloġġ l-antik, dan ma kienx rifless fil-kontijiet fejn il-qari '*Actual*' kien wieħed ferm inqas. Huwa sewwa għamel li kkunsidra li l-konsum qabel il-perijodu in kwistjoni u anki għall-perijodu ta' wara li nbidel l-arloġġ, ma kienx daqstant qawwi u kien proprju l-intimat li qassam il-qari ta' tliet elef wieħed u tmenin (3081) metru kubu fuq il-perijodu in kwistjoni, mingħajr ma

tirriżulta spjegazzjoni li tiġġustifika għaliex kellu jkun hemm konsum daqstant qawwi f'dak il-perijodu.

18. B'riferiment għal dak li qal ix-xhud l-Inġ. Keith Zahra li arloġġ li ma jkunx qiegħed jaħdem sew, jieqaf jew jibda jeħel, iżda mhux jgħaġġel, qal li ma kienx konvint li arloġġ ma jistax jibda ukoll jimxi b'mod mgħaġġel riżultat ta' xi ħsara, u l-Qorti żżid tgħid għal kull raġuni oħra li mhijiex relatata mal-konsum. L-Arbitru qal li s-soċjetà appellanta kellha tieħu l-passi opportuni mill-ewwel, hekk kif osservat li s-sinjal tal-arloġġ ma kienx qed jasal b'mod remot u irrispettivament jekk il-ħsara kinitx qiegħda taffettwa l-qari, iżda mhux tħalli sentejn jgħaddu qabel ma tbiddlu. L-Arbitru kkunsidra korrettement li l-fatt li l-arloġġ ma nbidilx f'dawk is-sentejn, kien juri li min kien qiegħed jaqrah kien sodisfatt li dan kien qiegħed jaħdem sew, u għalhekk il-kontijiet oriġinali kienu korretti u ma kellhomx jiġu riveduti.

19. L-Arbitru ġustament għalhekk iddeċieda li jemmen il-verżjoni tal-appellat, u dan filwaqt li kkunsidra dak li qal l-istess appellat waqt l-aħħar seduta. Qal li madankollu ċertament ma setax jingħad li s-soċjetà appellanta kienet imxiet b'*mala fede* fil-konfront tiegħu, iżda għaraf li fi kwalunkwe każ id-dubju għandu jmur favur l-appellat. Kellu raġun ukoll li jirrileva li s-soċjetà appellanta kienet tenuta tittestja l-arloġġ għal xi ħsara qabel dan ġie *scrapped,* ġaladarba hija kienet osservat li f'daqqa waħda kien qiegħed juri qari ferm ogħla minn dawk li ttieħdu qabel perjodikament.

20. L-Arbitru sewwa osserva li ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni xierqa għaliex il-kontijiet li nħarġu fis-17 ta' Jannar, 2019, kienu jindikaw qari *'Actual'* fir-rigward tal-perijodu in kwistjoni, meta l-kontijiet oriġinali għall-istess perijodu

kienu wkoll saru abbażi ta' qari '*Actual*', fejn dawn kienu ttieħdu fiżikament skont dak li xehed l-Inġ. Keith Zahra. Qal li wkoll ma kienet tirriżulta l-ebda spjegazzjoni għaliex is-somma tal-kontijiet tal-aħħar li nħarġu fis-17 ta' Jannar, 2019, kienet sussegwentement ġiet riveduta u mnaqqsa, u għalhekk sostna li ma kienet tirriżulta l-ebda raġuni għaliex huwa kellu jistrieħ fuqhom.

21. Il-Qorti tikkunsidra li l-lodo arbitrali huwa wieħed maħsub sew, u hija taqbel mar-raġunament l-Arbitru, u tagħmlu tagħha. Filwaqt li tgħid li hija ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak kollu li ġie kkunsidrat mill-Arbitru, tgħid ukoll li hija m'għandha xejn aktar x'iżżid miegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiċħad l-appell tas-soċjetà appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**